MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 604/1996/2

**George Bonnici u martu Eileen Bonnici**

**Vs**

**Silvio Naudi**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-23 ta' Frar 1996 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi bis-sahha ta' skrittura privata datata Gunju 1995, annessa ma' l-att tac-Citazzjoni Dok. "A", il-konvenut ikkostitwixxa ruhu veru cert u likwidu debitur ta' l-attur fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf tmien mija u tnejn u erbghin Lira Maltin (Lm26,842) bl-imghax relattiv kalkolat bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena jew kwalunkwe

rata oghla ta’ imghax permessa bil-Ligi minn zmien ghal zmien, b’ effett mill-10 ta’ Mejju 1995;

Premess illi l-konvenut obbliga ruhu favur l-attur li jhallas l-imsemmi ammont ta’ sitta u ghoxrin elf tmien mija u tnejn u erbghin Lira Maltin (Lm26,842) lill-attur permezz ta’ tnax (12) il-pagamenti mensili, ugwali u konsekuttivi, u l-ewwel pagament akkont kellu jsir mhux aktar tard mit-30 ta’ Gunju 1995, b’ mod li l-ammont intier ikun gie restitwit mill-konvenut lill-attur sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Mejju 1996;

Premess illi l-konvenut ma hallas xejn mid-debitu minnu dovut lill-attur u nonostante li permezz ta’ ittra ufficjali datata 4 ta’ Awissu 1995 u notifikata lill-konvenut fis-17 ta’ Ottubru 1995, li biha l-attur interpella lill-konvenut biex ihallsu zewg pagamenti mensili li kienu skadew kif ukoll l-imghax relattiv, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ma hallasx;

Premess ghalhekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu derivanti lilu, li fih kellu jsir il-hlas minnu lill-attur tas-somma shiha ta’ sitta u ghoxrin elf tmien mija tnejn u erbghin Lira Maltin (Lm26,842) u dan ai termini ta’ l-istess skrittura privata;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa moruz fil-hlas tad-debitu tas-somma kapitali ta’ sitta u ghoxrin elf tmien mija u tnejn u erbghin Lira Maltija (Lm26,842) kif ukoll ta’ l-imghax relattiv b’ effett mill-10 ta’ Mejju 1995, dovut minnu lill-atturi kif premess ai termini ta’ l-iskrittura privata datata Gunju 1995, fuq indikata (Dok. “A”);

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma kapitali ta’ sitta u ghoxrin elf tmien mija u tnejn u erbghin Lira Maltija (lm26,842), kif ukoll l-imghax relattiv b’ effett mit-30 ta’ Mejju 1995, ai termini ta’ l-istess skrittura privata;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Numru 840/96 u bl-imghax legali sa l-effettiv pagament kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut, ipprezentata fit-18 ta’ Ottubru 1996 u li fiha eccepixxa:-

Illi huwa m’ ghandu jhallas xejn lill-konvenuti, (recte: atturi) anzi, kif ser jinghad aktar ‘il quddiem, huma l-istess atturi li jigi jhallsu lill-eccipjent;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut;

Rat il-kontro-talba pprezentata mill-istess konvenut li fiha huwa ppremetta:

Illi fis-sena 1990/1991 l-atturi kienu silfu lill-konvenut is-somma ta’ Lm500, liema somma kienet giet soggetta ghal imghax ta’ Lm50 fix-xahar;

Illi l-eccipjent beda jhallas din ir-rata ta’ Lm50 fix-xahar u eventwalment gew mislufa lill-konvenut ammonti kapitali ohra li gew soggetti wkoll ghal rata ta’ l-imghax ta’ 10% fix-xahar, liema pagamenti gew onorati mill-istess konvenut ghal snin twal u dan skond kif jidher minn prospett li ser jigi ppresentat iktar ‘il quddiem;

Illi minkejja l-hlasijiet li ghamel l-esponenti, fil-bidu ta’ l-1993 minhabba r-rata ezorbitanti ta’ imghax l-attur kien qed jesigi ammont ta’ Lm19000 u bi sforzi kbar, fi ftit xhur, l-esponenti nizzel din is-somma ghal Lm4000 permezz ta’ pagamenti ta’ Lm500 fil-gimgha. Jekk l-esponenti jaqbez pagament, dan kien jizdied ma’ l-ammont kapitali;

Illi ma' din is-somma ta' Lm4000 il-konjugi Bonnici jipprestaw is-somma ulterjuri ta' Lm3000 ohra u billi l-esponenti mhux dejjem zamm mal-pagamenti mensili, u dan billi wkoll minn Dicembru 1993 r-rata ta' imghax telghet ghall-20% fix-xahar. B' hekk l-ammont beda dejjem tiela' biex sahansitra, sa Mejju 1995, l-ammont tela' ghal Lm26,842 u dana minkejja diversi pagamenti akkont li gew effettwati mill-esponenti u numru kbir ta' *cheques*;

Illi fil-bidu ta' l-1995, l-attur Bonnici beda jhedded lill-esponenti;

Illi t-theddid ta' Bonnici lejn l-esponenti beda jsir iktar ahrax tant illi l-esponenti hass li kellu jmur ikellem l-avukat ta' l-istess Bonnici biex jipprova jipperswadi l-istess Bonnici biex jiddesisti;

Illi meta l-esponenti mar ghand l-avukat ta' Bonnici, l-istess avukat ma tax widen lill-esponenti u spicca biex talab lill-esponenti jitlaq mill-ufficcju;

Illi minkejja dan, Bonnici baqa' jhedded lill-esponenti kull fejn jarah;

Illi fl-istess zmien, l-esponenti wegga' daharu u kien mugugh hafna u dan il-fattur flimkien mal-fatt illi l-attur beda l-hin kollu jipressa lill-esponenti, l-esponenti accetta li jerga' jmur ghand l-attur fis-Service Station tieghu, Kappara biex jiddiskutu s-sitwazzjoni u l-esponenti, insista hafna li ma kellu jaghti xejn pero` Bonnici baqa' jippersisti u baqa' jhedded lill-esponenti u minhabba f' hekk huwa u firma dokument li kien gja mhejji minn Bonnici, cjoe l-iskrittura ta' Gunju 1995;

Illi ghalhekk l-iskrittura li hija datata Gunju 1995 mhix valida billi l-kawza hija illecita u ma tirrispekkjax l-verita` ghaliex l-ammont hemm indikat mhux verament dovut billi l-ammont jirrapprezenta l-imghax b' rata ferm gholja minn dik permessa mil-ligi u inoltre, wara li jsiru l-kalkoli,

ghandu jirrizulta illi huwa l-istess esponenti li huwa kreditur ta’ l-attur u mhux vice-versa;

Inoltre, l-imsemmija skrittura hija nulla billi l-kunsens ta’ l-esponent huwa vizzjat minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija;

Talab ghalhekk il-konvenut lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-iskrittura privata ta’ Gunju 1995 li giet ezebita mill-atturi bhala Dokument A hija nulla u bla effett billi hija bbazata fuq kawza illecita, hija simulata u billi l-kunsens ta’ l-esponenti huwa vizjat ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-atturi huma debituri ta’ l-istess konvenut billi jirrizulta illi l-eccipjent hallas iktar milli kien legalment tenut li jhallas ghar-ragunijiet fuq premessi;

3. Tillikwida l-ammont dovut mill-atturi lill-konvenut u dan, jekk hemm bzonn, b’ opra tal-periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-atturi sabiex ihallsu lill-konvenut is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-atturi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata pprezentata mill-konvenut ai fini tal-kontro-talba, flimkien mal-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-Eccezzjonijiet ta’ l-atturi ghall-kontro talba tal-konvenut, li permezz taghha eccepew:-

Illi t-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghanhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut stante li kontra dak allegat mill-konvenut fl-eccezzjonijiet u fil-kontro-talba tieghu l-iskrittura privata datata Gunju 1995, hija valida u vinkolanti skond il-ligi;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet ta’ l-24 ta’ Marzu 1998 li permezz tieghu gie nominat bhala espert gudizzjarju Dr. Philip Manduca biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’ jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-espert nominat li tinsab a fol. 172 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fis-seduta tat-8 ta’ Frar 2006;

Rat l-Affidavits u d-dokumenti esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Kif jidher evidenti mill-korp tac-citazzjoni l-atturi f’ din il-kawza jikkampaw il-pretensjoni taghhom fuq l-iskrittura ta’ kostituzzjoni ta’ debitu ta’ Gunju 1995 (fol. 5) li permezz taghha l-konvenut kien irrikonoxxa li ssellef minghandhom *brevi manu* somma ta’ flus li dwarha obbliga ruhu li jroddha lura permezz ta’ tnax (12) il-pagament mensili, ugwali u konsekuttivi.  Fiha gie maqbul ukoll illi fuq is-somma kapitali jiddekorru interessi ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena;

Fil-konfront ta' din it-talba ghall-hlas lura tas-somma mislufa, il-konvenut iddefenda ruhu bl-eccezzjoni li ma ghandu jaghti xejn u kkontrappona talba rikonvenzjonali artikolata fuq l-assunt illi l-iskrittura *de quo* kienet nulla in bazi ghal dawn il-fatti diversi:-

(1) li l-kunsens tieghu kien vizzjat ghax karpit b' theddid;
(2) il-kawza tal-ftehim kienet illecita` ghall-fatt ta' l-uzura;
(3) l-att kien simulat;

Preordinatament ghall-investigazzjoni ta' dawn is-singoli kontenzjonijiet in bazi ghar-rizultanzi istruttorji u tal-principji tad-dritt li japplikaw, qed jigi hawn registrat b' introduzzjoni dawn il-principji:-

(1) F' materja ta' kuntratti principju kardinali hu dak tal-manteniment taghhom. Dan tenut rigward tal-principju l-iehor ta' interess generali. Din il-konsiderazzjoni timponi "*che nella causa d' impugnazione di contratto per vizio di consenso si proceda colla massima circospezione perche non si abbia ad annullare un atto che dovrebbe rimanere in vigore*" (**Kollez. Vol. XXIV P I p 203**);

(2) Hu principju assodat f' gurisprudenza kopjuza illi l-kontraenti ma jistghux jipprovaw permezz ta' testimoni dak li ma jirrizultax jew jirrizulta eskluz mill-kuntratt (**Kollez. Vol. XXIII P I p 870; Vol. XXV p I p 150**). Dan fuq l-istregwa tal-massima "*contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur*". Irid jinghad pero` li din ir-regola tad-dritt issofri limitazzjonijiet (**Kollez. Vol. XXXIX P III p 855**). *Inter alia*, meta l-kuntratt ikun simulat (**Kollez. Vol. XXIX P I p 837**);

Fermi dawn il-principji, il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra *seriatim* il-kwestjonijiet proposti mill-konvenut fil-kontro talba tieghu;

A. IL-VIZZJU TAL-KUNSENS - L-ALLEGAT THEDDID

Jinsab provvdut bl-Artikolu 974 Kodici Civili illi l-kunsens ma jkunx jiswa jekk jittiehed bi vjolenza. Hu mbaghad precizat, ex-Artikolu 978 (1), illi "l-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hi tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggeghilha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqeghda ghal xejn b' xejn f' perikolu ta' hsara kbira". Jitqiesu f' dawn il-kazijiet l-eta`, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna (subinciz 2);

Jitnissel minn dan illi t-theddid irid ikun serju u veru ghax inkella jekk dan ikun biss fl-immaginazzjoni tal-vittma prezunt si tratta mill-hekk imsejha vjolenza putativa. B' riferenza imbaghad ghat-tieni subinciz ta' l-Artikolu 978, irid jinghad li l-gudikant li hu msejjah biex jaghmel valutazzjoni ta' l-idonejeta` tal-vjolenza li tinfluwenza l-kunsens irid jipprexxindi mis-semplici riferiment ghas-sitwazzjoni partikulari tas-soggett imma ghandu jadotta bhala parametru l-figura astratta tal-persuna ordinarja u normali bl-istess karatteristici li ssib ruhha fl-istess sitwazzjoni identika;

Maghdud dan, fil-kuntest tal-fatti kif irrizultaw, skond il-konvenut huwa kien assoggettat minn pressjoni minghand bosta nies li minghandhom kien jissellef u billi f' Gunju 1995 kien wegga' dahru hassu iddisprat u kien ghalhekk li ffirma l-iskrittura. Kif imfisser fid-decizjoni a **Vol. XLI P I p 83** meta din il-pressjoni tkun gravi u indebita din hi ekwiparabbli ghal vjolenza. Naturalment jekk tezistix din il-vjolenza din hija indagini li hija mhollija nterament fil-prudenza tal-gudikant (**Kollez. Vol. XXIX P II p 749**);

Minn diskors il-konvenut aktar milli ghal pressjoni fizika jidher li hu qed jaccenna ghall-vjolenza morali. "Element indispensabbli biex il-vjolenza morali tinficja l-kuntratt huwa l-illegittimita` taghha li tippresupponi l-illecitu" (**Kollez. Vol. XLIV P II p 648**). Kif ahjar imfisser, "biex il-

vjolenza morali tikkostitwixxi vizzju tal-kunsens li jwassal ghan-nullita` tal-kuntratt, hemm bzonn li dik il-vjolenza tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt, u li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza ezercitata biex jigi ottenut dak il-kunsens, u mhux biex jigi ottenut skop divers; u trid ukoll tkun l-opera tal-persuna li ezercitatha biex tottjeni dak il-kunsens" (**Kollez. Vol. XXXIII P II p 431**);

Wara li ezaminat bir-reqqa c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, senjatament l-Affidavit tal-konvenut (fol. 26), din il-Qorti thoss li ma jirrikorrux l-elementi li jissemmew fid-decizjoni appena accennata biex jista' jigi ritenut b' konvinzjoni illi dak affermat mill-konvenut tal-pressjoni ezercitata fuqu mill-attur kienet tammonta ghal "*male minacciato notevole*" jew "*grave lesione dell' integrita fisica o morale*" li jippreciza l-**Fadda** ("Comm. Art. 112 para. 30 u para. 17 riferenzjat fis-sentenza a **Vol. XXIX P II p 749**), u li dik il-pressjoni kienet il-kawza ewlenija li geghlitu jiffirma l-iskrittura.

B. <u>IL-KAWZA ILLECITA - L-UZURA</u>

Jibda biex jigi osservat illi kif inhu pacifiku l-kawza illecita hi materja kuntrarja ghall-ordni pubbliku ghax ipprojbita mil-ligi u ghalhekk ma tiswiex. Dan allura jaghmel ma jiswiex il-ftehim li jkun jiddependi minnha: *vitiatur et vitiat*. Ara Artikolu 1054, Kodici Civili; **Kollez. Vol. XLIII P II p 646**. Minn dan jikkonsegwi illi "kwalunkwe ftehim li l-partijiet jistghu jinventaw biex il-kreditur jasal ghal fini tieghu li jiehu mghax aktar minn dak li tippermetti l-ligi huwa null" ("**Negte Lewis Formosa -vs- Antonio Gatt**", Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Novembru 1934);

Minn din il-preliminari jitnissel illi "l-konvenzjoni affetta b' uzura hija, ghal dak li jirrigwarda l-uzura, nulla b' mod assolut, jigifieri inezistenti, billi illecita ghaliex projbita mil-ligi, u hija illecita fir-rigward tal-mutwant" (**Kollez. Vol. XXXII P I p 263**; **Vol. XLV P I p 127**). Jigi allura li "l-hlas li jsir b' effettwazzjoni ta' obbligazzjoni bhal din huwa

null, ghax bla kawza, anzi b' kawza projbita mil-ligi" (**Kollez. Vol. XXX P I P 103**). Jinghad ghalhekk f' dawn l-istess sentenzi fuq dan il-punt illi s-somma mhallsa b' uzura ghandha tigi restitwita lil min hallasha, u ma tista' qatt tifforma oggett ta' obbligazzjoni naturali;

Fermi dawn ir-riflessjonijiet ta' dritt, il-perit relatur, korrettement fil-fehma tal-Qorti, filwaqt li ssenjala certa diskordanza fid-dikjarazzjoni ta' l-attur dwar iz-zmien meta sar is-self, minn naha l-ohra ma naqasx milli jikkonstata illi fuq ir-rakkont tal-vicendi da parti tal-konvenut dan ma wasalx biex jiddisimpenja ruhu mill-oneru inkombenti fuqu li jipprova u jsostni l-assunt tieghu ta' l-allegata uzura. Huwa ddistingwa bejn dawk li kienu "*business deals*" bejn il-kontendenti fejn gew distribwiti lill-attur parti mill-profitti realizzati minn xiri u bejgh ta' zejt u s-self proprju li sar lill-konvenut fl-okkazjoni ta' meta dan ried jixtri l-post ta' residenza tieghu. Dan johrog kjarament mill-istqarrija ta' l-istess konvenut in kontro-ezami fejn jghid: "kont qed nghidlu (lill-attur) biex jidhol mieghi f' business deal. Kont nghidlu biex javvanzali l-flus biex naghmel xi negozju partikolari u li l-profitt li jibqa' jigi diviz skond il-ftehim specifiku. Din is-sistema kienet mill-bidunett. Qatt ma mort tlabtu jislifni flus, hlief meta mort biex nixtri d-dar fl-1991. Jien lill-attur gieli pproponejtlu xi deal favorevoli. Dawn kienu jkunu l-aktar prodotti taz-zejt … … …. Il-flus kien jaghtihom lili u kont naghtih iz-zejt … … …. Imbaghad kont niehu hsieb il-bejgh lil terzi. Il-flus nigborhom jiena u imbaghad naghti lill-attur l-ammont miftiehem" (fol. 76);

Issa huwa veru li jezistu certi ombri fil-provi li jnisslu certu dubju. Ad ezempju, is-self ta' somma ingenti bla kitba u bla garanzija, il-hlasijiet mhux sopportabbli minn ricevuti. Fil-hsieb tal-Qorti dawn mhux necessarjament ghandhom jissarrfu biex jissufragaw l-allegazzjoni ta' l-uzura fil-kaz tas-self. Il-konvenut ma wassalx il-kaz tieghu ghal dak l-accertament inekwivoku li dan kien hekk il-kaz. Apparti li ma gabx prova esplicita u cara ta' dak li effettivament hallas jidher li hu accettat minnu illi r-rapport tieghu ma' l-

attur kien wiehed fiducjarju tant li, kif jikkonfessa, l-attur qatt ma tah ricevuti u hu lanqas kien jitlobhomlu (fol. 81). Hemm imbaghad il-fatt li mic-cekkijiet *post dated* emessi mill-konvenut in kontemplazzjoni tar-radd lura tas-self (ara fol. 121 u 122) l-ammont tas-self li jsemmi l-attur javvicina s-somma stabbilita fl-iskrittura (fol. 5) u f' dik l-ohra tat-3 ta' Frar 1995 (fol. 110).

C. IS-SIMULAZZJONI

Il-gurisprudenza taghna fuq dan il-punt tenuncja illi "min jallega s-simulazzjoni jrid jipprovaha. Dan fuq it-taghlim tal-**Giorgi** ("**Teoria delle Obbligazioni**", Vol. IV pagna 176) li jafferma li, "*ogni contratto si presuma sincero, donde la massima sulla quale non hanno mai dubitato i pratici, che il contraente il quale alleghi la simulazione è in obbligo di provarla*". Ara **Kollez. Vol. XXIX P I p 570**. Jinsab insenjat ukoll illi tali prova "tista' ssir anke bi presunzjonijiet u ndizji ohra" (**Kollez. Vol. XXXII P I p 138**). Fuq kollox, imbaghad, ghandha tirrizulta b' mod inekwivokabbli l-*causa simulandi* b' mod li, jekk il-prova ma tirnexxix, l-impunjazzjoni taqa' (**Kollez. Vol. XXXVII P II p 797**);

Fi kliem iehor kif rakkolt mis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc ta' l-1 ta' Ottubru 1884 in re "**Francesco Teuma -vs- Luigi Camilleri et**" (**Vol. X pagna 912**), "*dalle premesse ne emerge che a poter dedursi la invalidita` dell' atto è necessario che risulti chiaro che cio che si contratteva non era la verita`, ma una simulazione, cioe 'fictio seu ostensio falsi pro vero'; anche la difficolta` riducesi a questioni di fatto, indagando a poter decidere, non su cio che fu scritto: 'non quod scriptum sed quod gestum' coerentemente alla massima 'acta simulata substantiam mutare non possunt'.*"

Mill-premessi principji jigi allura li f' dan il-kaz ghandu jigi ezaminat jekk hemmx tabilhaqq konkors ta' cirkostanzi gravi, precizi, univoci u konkordanti in sostenn tat-tezi tal-

konvenut. Dan kontemporanjament mar-redazzjoni ta’ l-iskrittura;

Kif gja aktar ‘il fuq espost huwa ammess mill-konvenut illi dan issellef somma flus minghand l-attur biex jixtri d-dar tieghu. L-iskrittura, meta saret, tirrifletti dan is-self jew dak li kien baqa’ x’ jithallas bhala bilanc. Hu ovvju allura li l-partijiet kontraenti ma riedux jikkonkludu xi ftehim iehor hlief dak riflettanti s-self li kien sar. Ma jistax ragonevolment ghalhekk ikun sostenut illi l-iskrittura hi fittizja jew li ma tikkorrispondix ghall-veru. Din tirrivesti l-karattri kollha tas-self fejn il-partijiet verament riedu jikkonkludu dik l-obbligazzjoni effikaci tar-radd lura mill-konvenut-mutwatarju ta’ l-ammont li ssellef minghand l-attur. Il-konsegwenza ta’ dan kollu hu li f’ dan il-kaz ma jidherx li hemm lok li tigi ristabilita l-verita`, skop baziku ta’ l-azzjoni tas-simulazzjoni, in kwantu l-att sottoskritt mill-partijiet hu sostanzjalment wiehed reali u mhux ukoll apparenti. Anke hawn il-konvenut ma rnexxielux jiddemostra din l-allegazzjoni tieghu tas-simulazzjoni.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjoni opposta mill-konvenut u l-kontro-talba tieghu, tilqa’, bl-adozzjoni tal-perizja, l-istanza ta’ l-atturi kif dedotta u b’ hekk tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-atturi, bl-imghaxijiet kif mitluba, is-somma ta’ sitta u ghoxrin elf, tmien mija u tnejn u erbghin Lira Maltija (Lm26,842) self lilu maghmul kif premess fic-citazzjoni. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandu jhallashom il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------